

Brussell, 8 ta' Marzu 2022
(OR. en)

6988/22

Fajl Interistituzzjonali:
2016/0239 (COD)

LIMITE

JUR 149
ECOFIN 203
DROIPEN 28
CRIMORG 28
COTER 66
CODEC 251
IA 23
FISC 64

OPINJONI TAS-SERVIZZ LEGALI¹

Suġġett: Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu:

- il-kompatibbiltà tal-limiti proposti għal pagamenti kbar fi flus kontanti mal-libertajiet fundamentali u mal-istatus tal-karti tal-flus tal-euro bħala valuta legali fl-Unjoni

I. INTRODUZZJONI

1. Fl-20 ta' Lulju 2021, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Regolament dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu ("il-proposta")².

¹ Dan id-dokument fih parir legali protett taħt l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 rigward l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, u li l-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ma ħariġx għall-pubbliku. Il-Kunsill jirriżerva d-drittijiet legali kollha tiegħu fir-rigward ta' kwalunkwe pubblikazzjoni mhux awtorizzata.

² COM(2021) 420 final.

2. Il-proposta għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tintroduċi limiti għal pagamenti kbar fi flus kontanti. B'mod partikolari, l-Artikolu 59 tagħha jirrikjedi li persuni li jinnegozjaw f'oġġetti jew li jipprovdu servizzi jistgħu jaċċettaw jew jagħmlu pagament fi flus kontanti biss sa ammont ta' EUR 10 000 jew ammont ekwivalenti f'munita nazzjonali jew barranija, filwaqt li l-Istati Membri jistgħu jadottaw jew ikomplu japplikaw limitu aktar baxx.
3. Matul id-diskussjonijiet fil-korpi preparatorji tal-Kunsill tqajmu mistoqsijiet dwar il-kompatibbiltà ta' din il-limitazzjoni mal-istatus tal-karti tal-flus tal-euro u l-muniti tal-euro bħala valuta legali fl-Unjoni u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE ("il-Karta").
4. Mogħtija fuq talba tal-Grupp ta' Ħidma tal-Attachés Finanzjarji tas-26 ta' Novembru 2021, din l-opinjoni twieġeb dawn il-mistoqsijiet.

II. KUNTEST LEGALI U FATTWALI

a) Il-proposta

5. Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 114 TFUE u għandha l-għan li tistabbilixxi ġabra unika tar-regoli tal-UE tal-miżuri għall-għieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu (l-Artikolu 1).
6. B'hekk, hija parti minn pakkett usa', li jinkludi wkoll proposta għal Direttiva li tistabbilixxi l-mekkaniżmi li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, u li tħassar id-Direttiva (UE) 2015/849³, proposta għal Regolament li johlq Awtorità tal-UE għall-għieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu⁴, u proposta għar-riformulazzjoni tar-Regolament (UE) 2015/847 li jespandi r-rekwiżiti ta' traċċabbiltà għall-kriptoassi⁵.

³ COM(2021) 423 final.

⁴ COM(2021) 421 final.

⁵ COM(2021) 422 final.

7. Dan il-pakkett huwa kontinwazzjoni ta' politika fit-tul tal-Unjoni għall-prevenzjoni u l-għlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, li bdiet bl-ewwel Direttiva tal-UE kontra l-ħasil tal-flus, adottata fl-1991. Matul dawn l-aħħar tletin sena din il-politika espandiet gradwalment fil-kamp ta' applikazzjoni u fis-sustanza, b'mod parallel mal-istandards internazzjonali li qed jevolvu u ż-żieda fis-sofistikazzjoni tal-kriminalità finanzjarja.
8. Fl-2015, fil-proċess ta' żvilupp ta' din il-politika, il-leġiżlatur tal-UE nnota li *"l-użu ta' pagamenti kbar fi flus kontanti huwa vulnerabbli ħafna għall-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu"*⁶ u, għaldaqstant, issoġġetta persuni li jinneqgħaw f'oġġetti għar-rekwiżiti kontra l-ħasil tal-flus/il-finanzjament tat-terroriżmu meta jagħmlu jew jirċievu pagamenti fi flus kontanti ta' EUR 10 000 jew aktar, inkluż permezz ta' pagamenti relatati. Madankollu, dawn ir-rekwiżiti ma kinux jinvolvu projbizzjoni totali fuq l-użu ta' flus kontanti għal pagamenti oġhla minn dan il-limitu.
9. Żviluppi sussegwenti ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni bħala li jiġġustifikaw approċċ aktar strett. B'hekk, il-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta tindika li r-riskji assoċjati mal-flus kontanti huma riflessi fil-fatt li l-użu tal-flus kontanti għadu r-raġuni ewlenija li tiskatta rapporti ta' tranżazzjonijiet suspettużi fis-sistema finanzjarja. Madankollu, f'dak li għandu x'jaqşam mal-prosekuzzjoni, huwa ta' sfida biex tintwera r-rabta bejn il-flus kontanti u l-attivitajiet kriminali⁷.

⁶ Premessa (6) għad-Direttiva (UE) 2015/849 tal-20 ta' Mejju 2015 dwar il-prevenzjoni tal-użu tas-sistema finanzjarja għall-finijiet tal-ħasil tal-flus jew il-finanzjament tat-terroriżmu, li temenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2005/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/70/KE ("ir-Raba' Direttiva kontra l-ħasil tal-flus" (AMLD)), ĠU L 141, 5.6.2015, p. 73.

⁷ Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni, Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-Pakkett kontra l-ħasil tal-flus, SWD (2021) 190 final ("Valutazzjoni tal-Impatt"), paġna 114.

10. Bħalissa, 19-il Stat Membru introduċew jew qed jintroduċu limitazzjonijiet għal pagamenti fi flus kontanti, li jvarjaw minn EUR 500 fil-Greċja għal EUR 10 300 fiċ-Ċekja, b'valur medju ta' madwar EUR 4 500⁸.
11. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota li restrizzjonijiet nazzjonali diverġenti jdgħajfu l-effettività tal-limiti nazzjonali tal-flus kontanti, billi jispostaw attivitajiet illegali minn Stat Membru b'restrizzjonijiet fuq pagamenti fi flus kontanti għal Stat Membru ġar b'restrizzjonijiet aktar laxki jew bl-ebda restrizzjoni, li jkollu impatt fuq il-koerenza fl-applikazzjoni tal-AML u jfixkel il-kompetizzjoni fis-suq intern⁹.
12. Abbażi ta' dan, u wara li vvalutat diversi għażliet biex tiġi indirizzata din il-problema, il-Kummissjoni ressqet, fil-qafas tal-proposta attwali, test li:
- jipprojbixxi persuni li jinnegożjaw f'oġġetti jew li jipprovdu servizzi milli jaċċettaw jew jagħmlu pagament fi flus kontanti oġhla minn EUR 10 000 jew ammont ekwivalenti f'munita nazzjonali jew barranija, kemm jekk it-tranżazzjoni titwettaq f'operazzjoni waħda kif ukoll jekk f'diversi operazzjonijiet li jidhru li jkunu assoċjati ma' xulxin (l-Artikolu 59(1) tal-proposta);
 - jippermetti lill-Istati Membri jadottaw limiti aktar baxxi wara konsultazzjoni mal-Bank Ċentrali Ewropew; dawn għandhom jiġu notifikati lill-Kummissjoni. Bl-istess mod, jistgħu jkomplu jiġu infurzati l-limiti nazzjonali aktar baxxi li diġà jeżistu (l-Artikolu 59(2) u (3) tal-proposta);
 - jirrinunzja l-limitu ta' flus kontanti stabbilit b'dan il-mod fir-rigward ta' pagamenti bejn persuni fiżiċi li ma jaġixxux f'funzjoni professjonali u pagamenti jew depożiti magħmula fil-bini ta' istituzzjonijiet ta' kreditu (l-Artikolu 59(4) tal-proposta).

⁸ Valutazzjoni tal-Impatt, paġna 112. Barra minn hekk, Malta introduċiet limitu ta' EUR 10 000 għal pagamenti fi flus kontanti għal xi setturi, u Stati Membri oħra ddeċidew jew qed jippanaw li jnaqqsu dawn il-limiti. Fi tliet każijiet (Franza, l-Italja u Spanja), limiti oġhla japplikaw għal persuni mhux residenti (bejn EUR 10 000 u EUR 15 000), u filwaqt li fl-Ungerija u l-Polonja l-limiti japplikaw biss għal tranżazzjonijiet B2B, xi pajjiżi bħas-Slovenja stabbilew limiti differenti għal tranżazzjonijiet B2C u B2B. Fost il-pajjiżi li ma stabbilew l-ebda limitu għal pagamenti fi flus kontanti, l-Irlanda u l-Iżvezja jippermettu lill-kummerċjanti jirrifjutaw pagamenti fi flus kontanti.

⁹ Valutazzjoni tal-Impatt, paġna 115.

b) Dispożizzjonijiet applikabbli

13. L-Artikolu 7 tal-Karta, dwar ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja, jindika li "[k]ull persuna għandha d-dritt għar-rispett tal-ħajja privata u tal-familja tagħha, ta' darha u tal-komunikazzjonijiet tagħha".
14. L-Artikolu 8 tal-Karta, dwar il-protezzjoni tad-data personali, jindika:
- "1. Kull persuna għandha d-dritt għall-protezzjoni ta' data personali li tirrigwardaha.*
- 2. Din id-data għandha tiġi trattata b'mod ġust għal finijiet determinati u abbażi tal-kunsens tal-persuna kkonċernata jew fuq bażi oħra leġittima stabbilita mil-liġi. Kull persuna għandha d-dritt ta' aċċess għad-data miġbura li għandha x'taqsam magħha u d-dritt li tikseb ir-rettifika tagħha (...)"*
15. L-Artikolu 16 tal-Karta, dwar il-libertà ta' intrapriża, jindika li "[i]l-libertà ta' intrapriża skont il-liġi tal-Unjoni u l-liġijiet u l-prattiċi nazzjonali hija rikonoxxuta".
16. L-Artikolu 17 tal-Karta, dwar id-dritt għall-proprjetà, jindika li "[k]ull persuna għandha d-dritt li tgawdi mill-proprjetà tal-beni tagħha li tkun akkwistat legalment, li tużahom, li tiddisponi minnhom u li tħallihom bħala wirt. L-ebda persuna ma tista' tiġi mċaħħda mill-proprjetà tagħha, ħliet fl-interess pubbliku u fil-każijiet u skont il-kondizzjonijiet previsti mil-liġi, bi ħlas ta' kumpens xieraq fi żmien utli għal dak li tkun tilfet. L-użu tal-proprjetà jista' jiġi rregolat bil-liġi sa fejn ikun meħtieġ għall-interess pubbliku".
17. L-Artikolu 128(1) TFUE, jipprevedi li "[i]l-Bank Ċentrali Ewropew għandu jkollu d-dritt esklużiv li jawtorizza l-ħruġ ta' karti tal-flus tal-euro fl-Unjoni. Il-Bank Ċentrali Ewropew u l-banek ċentrali nazzjonali jistgħu joħroġu dawn il-karti tal-flus. Il-karti tal-flus li jinħarġu mill-Bank Ċentrali Ewropew u mill-banek ċentrali nazzjonali jkunu l-uniċi karti tal-flus bi status ta' valuta legali fl-Unjoni".

18. Il-premessa 19 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 974/98 tat-3 ta' Mejju 1998 dwar l-introduzzjoni tal-euro ("ir-Regolament Nru 974/98")¹⁰ tindika:

"(...) billi limitazzjonijiet fuq ħlasijiet bil-karti u l-muniti, stabbiliti mill-Istati Membri għal raġunijiet pubbliċi, ma humiex inkompatibbli mal-istatus ta' munita legali f'karti tal-flus u muniti tal-euro, sakemm ikunu disponibbli mezzi oħra legali għall-ħlas ta' djun monetarji".

19. L-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 974/98 jipprevedi li:

"Mill-1 ta' Jannar 2002, il-BĊE u l-banek ċentrali tal-Istati Membri parteċipanti għandhom joħroġu fiċ-ċirkolazzjoni karti tal-flus denominati fl-euro. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 15, dawn il-karti tal-flus denominati fl-euro għandhom ikunu l-uniċi karti tal-flus bl-istatus ta' muniti legali f'dawn l-Istati Membri kollha".

III. ANALIŻI LEGALI

a) Kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-flus kontanti mal-istatus ta' valuta legali tal-karti tal-flus tal-euro u l-muniti tal-euro

20. L-ewwel mistoqsija li tqajmet hija jekk il-projbizzjoni ta' pagament fi flus kontanti għal ammonti li jaqbu l-EUR 10 000 tmurx kontra l-istatus tal-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, kif stipulat fid-dritt primarju u dak sekondarju.
21. L-istatus ta' valuta legali tal-karti tal-flus tal-euro huwa minqux fit-tielet sentenza tal-Artikolu 128(1) TFUE u, b'formulazzjoni kważi identika, fit-tielet sentenza tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 16 tal-Protokoll dwar is-SEBĊ u l-BĊE. Huwa minqux ukoll fil-leġiżlazzjoni sekondarja, fit-tieni sentenza tal-Artikolu 10 tar-Regolament Nru 974/98¹¹.

¹⁰ ĠU L 139, 11.5.1998, p. 1.

¹¹ Barra minn hekk, it-tieni sentenza tal-Artikolu 11 ta' dak ir-Regolament tagħti wkoll l-istatus ta' valuta legali lil muniti denominati f'euro. Ara s-sentenza f'*Hessischer Rundfunk*, C-422/19, EU:C:2021:63, paragrafu 61.

22. Meta jeżisti obbligu ta' pagament, il-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro timplika: i) aċċettazzjoni obligatorja (il-kreditur ta' obbligu ta' pagament ma jistax jirrifjuta karti tal-flus u muniti tal-euro sakemm il-partijiet ma jkunux qablu dwar mezzi oħra ta' pagament); ii) aċċettazzjoni b'valur fuq il-wiċċ sħiħ (il-valur monetarju tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro huwa ugwali għall-ammont indikat fuq il-karti tal-flus u l-muniti); iii) is-setgħa li jeħles mill-obbligi ta' pagament (debitur jista' jeħles lill-annunzjant minn obbligu ta' pagament billi jissottometti karti tal-flus u muniti tal-euro lill-kreditur)¹².
23. Fis-sentenza tagħha f'*Hessischer Rundfunk* tal-2021, il-Qorti madankollu rrikonoxxiet li l-istatus tal-euro bħala valuta legali u, b'mod partikolari, l-obbligu għall-kredituri li jaċċettaw il-karti tal-flus u l-muniti tal-euro bħala ħelsien mid-dejn, jammetti restrizzjonijiet għal raġunijiet ta' interess pubbliku. Madankollu, tali restrizzjonijiet iridu jkunu proporzjonati mal-objettiv ta' interess pubbliku segwit¹³.
24. Fil-kuntest partikolari tar-restrizzjonijiet tal-Istati Membri għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, il-Qorti stabbiliet li l-prevenzjoni u l-għieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu huma għanijiet leġittimi relatati mal-protezzjoni tal-ordni pubbliku¹⁴. Għalhekk dawn l-għanijiet jistgħu jitqiesu wkoll bħala raġunijiet ta' interess pubbliku għall-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet għall-istatus ta' valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro.
25. Il-prinċipju tal-proporzjonalità jirrikjedi li l-miżuri kkonċernati jkunu xierqa biex jintlaħqu l-objettivi leġittimi segwiti mil-leġiżlazzjoni inkwistjoni u li ma jmorru lil hinn minn dak li huwa neċessarju biex jinkisbu dawk l-objettivi. Fejn hemm għażla bejn diversi miżuri xierqa, għandha tintgħażel l-inqas waħda restrittiva, u l-inkonvenjenzi li jinħolqu m'għandhomx ikunu sproporzjonati meta mqabbla mal-għanijiet previsti¹⁵.

¹² Is-sentenza f'*Hessischer Rundfunk*, hawn fuq, paragrafu 67. Ara wkoll ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Marzu 2010 dwar il-firxa u l-effetti tal-valuta legali tal-karti tal-flus u l-muniti tal-euro, (2010/191/UE), ĠU L 83, 30.3.2010, p. 70.

¹³ Is-sentenza f'*Hessischer Rundfunk*, hawn fuq, paragrafi 67 u 68.

¹⁴ Is-sentenza f'*Jyske Bank Gibraltar*, C-212/11, EU:C:2013:270, paragrafi 62-64 u l-ġurisprudenza ċitata.

¹⁵ Is-sentenza f'*Hessischer Rundfunk*, hawn fuq, paragrafu 70, u l-ġurisprudenza ċitata.

26. Barra minn hekk, il-Qorti aċċettat li l-leġiżlatura tal-Unjoni trid tingħata setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tapplika mhux biss għan-natura u għall-firxa tal-miżuri li għandhom jittieħdu fl-oqsma li fihom l-azzjoni tagħha tinvolvi għażliet politiċi, ekonomiċi jew soċjali, u li fihom hija mitluba twettaq valutazzjonijiet u evalwazzjonijiet kumplessi, iżda wkoll, sa ċertu punt, għas-sejbien tal-fatti bażiċi, b'tali mod li l-kriterju li għandu jiġi applikat mhuwiex dwar jekk miżura adottata f'tali qasam kinitx l-unika jew l-aħjar miżura possibbli, peress li l-legalità tagħha tista' tiġi affettwata biss jekk il-miżura tkun manifestament mhux xierqa fir-rigward tal-objettiv li l-istituzzjoni kompetenti tixtieq tilhaq¹⁶.
27. Fil-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja l-proposta, il-Kummissjoni eżaminat tliet għażliet¹⁷ sabiex tindirizza l-problemi identifikati b'rabta mal-użu ta' pagamenti fi flus kontanti għall-finijiet tal-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu u analizzat il-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' kull waħda minnhom. Fuq din il-bażi, ikkonkludiet li l-għażla mressqa hija l-aħjar waħda, b'mod partikolari peress li tipprovdi approċċ aktar armonizzat fis-suq intern kollu, tnaqqas l-ineffiċjenzi tal-qafas AML/CFT attwali billi tneħħi l-obbligi fuq il-kummerċjanti foġġetti u toħloq kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost in-negozji, filwaqt li ma tqajjimx dubji dwar l-istatus tal-valuta legali tal-karti tal-flus tal-euro¹⁸.
28. Barra minn hekk, fl-istess Valutazzjoni tal-Impatt, il-Kummissjoni tiġġustifika li tali limitu jkun konsistenti mal-limiti eżistenti għall-kontroll tal-flus kontanti u jiżgura li l-gruppi ta' konsumaturi vulnerabbli ma jintlaqtux b'mod negattiv billi jiġi stabbilit limitu massimu għoli biżżejjed biex jaqdi l-ħtiġijiet tagħhom. Din l-għażla tippermetti wkoll lill-Istati Membri jżommu l-limiti aktar baxxi diġà fis-seħħ, filwaqt li tirrikonoxxi li l-ispeċifitàjiet nazzjonali jistgħu jiġġustifikaw limiti aktar baxxi (...) ¹⁹. B'mod simili għall-kawża f'*Hessischer Rundfunk*, il-miżuri inkwistjoni jippreservaw mezzi oħra ta' pagament ħlief flus kontanti²⁰.

¹⁶ Is-sentenzi f' *ir-Repubblika Ċeka v il-Parlament u l-Kunsill*, C-482/17, EU:C:2019:1035, paragrafi 77 u 78, u f' *il-Polonja v il-Parlament u l-Kunsill*, C-626/18, EU:C:2020:1000, paragrafi 95 u 97.

¹⁷ 1) Infurzar ulterjuri tal-qafas AML/CFT attwali; 2) l-introduzzjoni ta' limitu għall-UE kollha għal tranżazzjonijiet fi flus kontanti ta' EUR 10 000, filwaqt li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu limitu aktar baxx u 3) l-introduzzjoni ta' limitu għall-UE kollha għal tranżazzjonijiet fi flus kontanti ta' inqas minn EUR 10 000 (Valutazzjoni tal-Impatt, p. 116-117).

¹⁸ Valutazzjoni tal-Impatt, p. 116.

¹⁹ Valutazzjoni tal-Impatt, p. 116.

²⁰ Is-sentenza f'*Hessischer Rundfunk*, hawn fuq, paragrafu 75.

29. Meta jitqiesu l-elementi previsti fil-Valutazzjoni tal-Impatt imsemmija hawn fuq, b'mod partikolari l-ponderazzjoni tal-għażliet differenti u tal-interessi differenti involuti, il-limitazzjoni għall-pagament fi flus kontanti proposta ma tidhirx li hija manifestament mhux xierqa biex jinkisbu l-objettivi segwiti minn dik il-miżura.
30. Fl-aħħar nett, huwa mfakkar li l-fatt li l-miżuri li ġew diskussi fis-sentenza *Hessischer Rundfunk* ġew adottati minn Stat Membru, filwaqt li l-limitazzjoni proposta għandha tiġi ppromulgata mill-Unjoni, ma jistax iqajjem dubji dwar ir-raġunament ta' hawn fuq.
31. F'dan ir-rigward, għandu jiġi nnutat li l-Qorti ma attribwietx rilevanza speċifika għall-fatt li l-miżura ta' interess pubbliku huwa definit mil-liġi nazzjonali jew mil-leġiżlazzjoni tal-UE²¹. Fi kliem ieħor, il-firxa u t-tifsira tal-kunċett ta' interess pubbliku bħala ġustifikazzjoni għal limitazzjoni possibbli għall-valur ta' valuta legali tal-karti tal-flus tal-euro jew il-muniti tal-euro ma jippermettu l-ebda distinzjoni dwar jekk dik il-limitazzjoni hijiex introdotta mill-Istati Membri jew mill-Unjoni nnifisha. Fil-fatt, il-possibbiltà li tiġi introdotta kwalunkwe limitazzjoni bħal din mill-Istati Membri hija prevista mid-dritt sekondarju tal-UE (ir-Regolament 974/98) kif ukoll il-limitazzjoni għall-użu tal-flus kontanti taħt kunsiderazzjoni.

b) Kompatibbiltà tad-dispożizzjonijiet dwar il-limiti tal-flus kontanti mad-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tal-UE

32. Qed jintalbu l-fehmiet tas-Servizz Legali tal-Kunsill fir-rigward tal-kompatibbiltà mal-Karta tal-projbizzjoni li jitħallsu ammonti fi flus kontanti li jaqbz u l-EUR 10 000. Madankollu, il-kwistjoni ma tispeċifikax ma' liema mid-drittijiet u l-libertajiet fundamentali stabbiliti fil-Karta l-projbizzjoni kkonċernata tqajjem problemi ta' kompatibbiltà. Għandhom isiru żewġ kummenti preliminari.
33. L-ewwel nett, s'issa, minkejja l-eżistenza ta' limitazzjonijiet f'19-il Stat Membru għall-użu ta' flus kontanti analogu għal dak li qed jiġi diskuss, il-kompatibbiltà ta' tali limitazzjonijiet eżistenti mad-drittijiet fundamentali għadha ma ġietx ikkontestata u lanqas eżaminata, la mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja u lanqas mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

²¹ Ara, pereżempju, is-sentenza f'*Kieffer*, C-114/96, EU:C:1997:316, b'mod partikolari l-paragrafi 28 sa 37, fejn il-Qorti eżaminat miżuri imposti mill-UE b'effett restrittiv fuq is-suq intern kontra l-istess kriterji bħal dawk li jistgħu jiġġustifikaw restrizzjonijiet nazzjonali ekwivalenti.

34. It-tieni, id-dritt tal-UE ma jipprevedix dritt assolut għal pagament fi flus kontanti fil-każijiet kollha. Bl-istess mod, l-ebda dritt bħal dan mhuwa inkluż fil-Karta²². Għalkemm ma jeżisti l-ebda dritt assolut jew fundamentali bħal dan li jintużaw il-flus kontanti, il-kwistjoni li għandha tiġi eżaminata hija jekk il-projbizzjoni inkwistjoni tistax taffettwa d-drittijiet fundamentali għall-eżerċizzju li tali użu tal-flus kontanti huwa strumentali. B'mod partikolari, id-drittijiet li ġejjin jistgħu jkunu rilevanti: id-dritt ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà (l-Artikoli 16 u 17 tal-Karta) u d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta).
35. Fir-rigward tad-dritt ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà, filwaqt li ma hemm l-ebda dubju li l-flus kontanti jistgħu jintużaw biex dawn jiġu eżerċitati, tali użu ġeneralment mhuwiex meħtieġ għat-tgawdija sħiħa tagħhom, li tista' tinkiseb permezz tal-użu ta' forum ta' flus jew mezz ta' pagament oħra li mhumiex flus kontanti²³. Barra minn hekk, la d-dritt ta' intrapriża u lanqas id-dritt għall-proprjetà ma jistgħu jinqraw bħala li jipprekludu regolamentazzjoni ekonomika jew finanzjarja sempliċiment għaliex jikkostitwixxu ndħil fl-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet.
36. Fil-fatt, fir-rigward tad-dritt ta' intrapriża, l-eżerċizzju tiegħu neċessarjament jimplika r-rikonċiljazzjoni tal-interessi tal-benefiċjarji tiegħu ma' interessi legali oħra protetti²⁴. Fi kwalunkwe każ, ma jistax jiġi konkluż li l-limitazzjoni proposta tammonta għal ksur ta' dan id-dritt, bl-istess mod li, pereżempju, ir-regolamentazzjoni prudenzjali jew dik tal-antitrust qatt ma tqieset inkompatibbli mal-libertà ta' intrapriża.

²² Ara l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawżi konġunti C-422/19 u C-423/19, *Hessischer Rundfunk*, EU:C:2020:756, paragrafu 133.

²³ Ara l-opinjoni tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella, *Hessischer Rundfunk*, hawn fuq, paragrafu 134.

²⁴ Spjegazzjoni tal-Artikolu 16 (Il-libertà ta' intrapriża) u l-ġurisprudenza ċitata, ĠU C 303, 14.12.2007, p. 17.

37. Bl-istess mod, fir-rigward tad-dritt għall-proprjetà, hija ġurisprudenza stabbilita li dan mhuwiex assolut iżda jrid jitqies bil-ħsieb tal-funzjoni tiegħu fis-soċjetà. Konsegwentement, l-eżerċizzju tad-dritt għall-proprjetà jista' jiġi ristrett, bil-kondizzjoni li dawn ir-restrizzjonijiet fil-fatt ikunu jaqblu mal-għanijiet ta' interess pubbliku segwiti mill-Unjoni u ma jkunux jikkostitwixxu, fir-rigward tal-għan segwit, interferenza sproporzjonata u intollerabbli, li tħassar is-sustanza nfisha tad-dritt hekk iggarantit²⁵. L-eżami tal-oġġettiv ta' interess pubbliku kif ukoll dak tal-proporzjonalità tal-miżuri meħuda fil-paragrafi sa 23 hawn fuq, fil-kuntest 30 tal-istatus ta' kwistjonijiet ta' valuta legali, huma applikabbli bis-sħiħ hawnhekk biex jiġi konkluż li l-miżura proposta ma tinvolvi indħil mhux ġustifikat fid-dritt għall-proprjetà
38. Trid issir rimarka finali fir-rigward tad-dritt għall-proprjetà. Jista' jiġi argumentat li rabta diretta bejn l-użu tal-flus kontanti u l-eżerċizzju ta' dak id-dritt hija rilevanti fir-rigward tal-elementi tal-inklużjoni soċjali, jiġifieri, fir-rigward ta' ċittadini li għad ma għandhomx aċċess għal servizzi finanzjarji bażiċi fl-Unjoni u li għalihom il-flus kontanti huma l-uniku mezz biex jeżerċitaw dan id-dritt fundamentali²⁶.
39. Madankollu, il-projbizzjoni fuq l-użu ta' flus kontanti taħt eżami tikkonċerna biss pagamenti li jaqbz limitu (EUR 10 000) li huwa għoli biżżejjed biex jeskludi l-parti l-kbira tat-tranżazzjonijiet ta' kuljum. Barra minn hekk, dik il-projbizzjoni ma tapplikax għal persuni fiżiċi li ma jaġixxux ffunzjoni professjonali. Kif spjegat fil-valutazzjoni tal-impatt tal-Kummissjoni li takkumpanja l-proposta, dawn il-limitazzjonijiet tal-firxa tal-projbizzjoni jidhru proporzjonati biex jiggarantixxu l-eżerċizzju tad-dritt għall-proprjetà ta' individwi vulnerabbli permezz tal-użu ta' flus kontanti²⁷.

²⁵ Is-sentenza f'*Kadi and Al Barakaat International Foundation*, C- 402/05 P u C- 415/05 P, EU:C:2008:461, paragrafu 355.

²⁶ Skont studju tal-BĊE tal-2017, 3.64 % tal-unitajiet domestiċi fiż-żona tal-euro ma kellhomx aċċess għal servizzi bankarji/finanzjarji. Ara Ampudia, M., Ehrmann M., "Financial inclusion: what's it worth?", Serje Nru 1990 ta' Dokumenti ta' Ħidma tal-BĊE, Jannar 2017, speċjalment it-Tabella 1.

²⁷ Ara l-paragrafu .hawn fuq 28

40. L-istabbiliment tal-limitu propost ta' pagament fi flus kontanti jista' potenzjalment jirrappreżenta wkoll ksur tad-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja u d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali. Jista' jiġi argumentat li l-projbizzjoni proposta għall-użu ta' flus kontanti tista' tkun xierqa għal interferenza relattiva ma' dawk id-drittijiet, b'mod partikolari billi potenzjalment twassal għall-istabbiliment ta' rekords ta' aspetti partikolari tal-ħajja tal-individwi kkonċernati u tesponi xejriet tal-imgħiba privata tagħhom, bħall-konsum u l-interazzjoni ġenerali mal-komunitajiet tagħhom.
41. Minkejja dan, l-intensità limitata ta' tali interferenza ma tistax tiġġustifika konklużjoni li l-projbizzjoni tikkostitwixxi intrużjoni aktar serja fid-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja u d-dritt tal-protezzjoni tad-data personali meta mqabbla ma' metodi eżistenti ta' pagament minbarra fi flus kontanti, bħal karti tad-debitu u tal-kreditu, trasferimenti elettroniċi, inkluż għal xiri online u, fi kwalunkwe każ, ma tindikax in-nuqqas ta' proporzjonalità tagħha. Barra minn hekk, il-pagament fi flus kontanti, fih innifsu, ma jipprovdix aktar anonimità minn mezzji oħra ta' tranżazzjoni peress li, bħala regola ġenerali u skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, il-pagamenti taħt kunsiderazzjoni għal oġġetti jew servizzi huma fatturati, liema fatturazzjoni teħtieġ - fil-prinċipju - l-identifikazzjoni personali tad-destinatarju tal-oġġetti jew is-servizzi msemmija.
42. Huwa mfakkar ukoll li l-ipproċessar tad-data personali miksuba mill-operaturi tas-suq bħala konsegwenza ta' pagamenti, ikun xi jkun il-mezz tagħhom, huwa fi kwalunkwe każ soġġett għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data li, essenzjalment, tiggarantixxi d-dritt għall-protezzjoni ta' dik id-data personali. Fl-aħħar nett, kif spjegat hawn fuq fil-kuntest tad-drittijiet ta' intrapriża u għall-proprjetà, il-firxa tal-projbizzjoni inkwistjoni hija soġġetta għal limiti kwantitattivi u kwalitattivi importanti li jiżguraw li l-parti l-kbira tat-tranżazzjonijiet ta' kuljum jiġu esklużi u li, għaldaqstant, il-volum ta' traċċi tad-data ġġenerat ma' jkunx ta' natura aktar intrużiva fil-ħajja privata minn kwalunkwe mezz ieħor ta' pagament eżistenti.

IV. KONKLUŻJONI

43. Fid-dawl ta' dan, is-Servizz Legali huwa tal-opinjoni li:

- a) il-limitazzjoni ta' pagamenti fi flus kontanti proposta ma tinterferix mal-istatus tal-karti tal-flus tal-euro bħala valuta legali fl-Unjoni, kif stabbilit mit-TFUE u spjegat aktar fid-dettall mil-leġiżlazzjoni sekondarja;
- b) bl-istess mod, il-limitazzjoni proposta hija kompatibbli mad-drittijiet, il-libertajiet u l-prinċipji rikonoxxuti mill-Karta, b'mod partikolari d-dritt ta' intrapriża u d-dritt għall-proprjetà (l-Artikoli 16 u 17 tal-Karta) u d-dritt għar-rispett għall-ħajja privata u għall-ħajja tal-familja u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali (l-Artikoli 7 u 8 tal-Karta).